MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 361/2003

Kawza fil-lista: 23

**A B f' isimha proprio u bhala kuratrici ad litem tat-tfal minuri taghha C u D, ahwa B, nominata b' digiret tat-9 ta' April 2003**
**Vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Gunju 1987, mill-liema zwieg huma kellhom zewgt itfal, it-tnejn minuri, C ta' 14-il sena (Dok CD 1) u D ta' 11-il sena (Dok KD 1).

U premess illi skond il-ligi l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka lit-tfal minuri tieghu C u D, u jmantni lill-istess attrici skond il-mezzi tieghu.

U premess illi l-konvenut mhux qed jissoministra manteniment lill-attrici la ghaliha u lanqas ghall-ulied minuri taghhom, u ilu hekk jonqos milli jipprovdi manteniment ghal hafna snin.

U premess illi l-konvenut mitlub diversi drabi sabiex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-attrici u tal-ulied minuri taghhom C u D inkluz l-arretrati tal-istess, huwa baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu l-obbligu jmantni u jeduka lit-tfal minuri tieghu C u D, u jmantni lill-istess attrici, skond il-mezzi tieghu, u dana b'effett retroattiv mid-data taz-zwieg fil-kaz tal-attrici u mid-data tat-twelid rispettiv taghhom fil-kaz tal-minuri C u D.

2. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri C u D inkluz l-arretrati tal-istess filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment.

3. Tordna u tikkundA lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-tieni talba bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-impjieg tieghu.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta'l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi mhux minnu illi l-konvenut qatt ma hallas manteniment ghal martu u ghal uliedu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi assolutament ma hemmx arretrati x’jigu likwidati u konsegwentement imhallsa mill-konvenut.

3. Illi filwaqt illi l-konvenut jirrikonoxxi l-obbligi tieghu fil-konfront ta’ uliedu, jirrileva illi fil-prezent hu impjegat biss part time, u ghalhekk dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tillikwida manteniment pagabbli ghall-minuri.

4. Illi b’referenza ghat-talba ta’ l-attrici ghal-hlas ta’ manteniment ghaliha, din ghandha tigi respinta stante illi l-istess attrici hija kapaci tahdem, kif fil-fatt taghmel.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eccepiet li t-talbiet attrici ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ arretrati ta’ manteniment hija preskritta fit-termini ta’ l-Artikolu 2156[b] tal-Kap.16;

Rat ir-risposta tal-konvenut ghar-rikors ta’ l-attrici, prezentata fl-4 ta’ Mejju 2005;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob il-manteniment minghand zewgha l-konvenut, ghaliha mid-data taz-zwieg u ghaz-zewg uliedha minuri C u D mid-data tat-twelid taghhom.

In tema legali jigi osservat li "Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdem kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja" [Art.3]. Inoltre, "iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied." [Art.3B]

Minn dan jirrizulta car li l-genituri ghandhom l-istess obbligi fil-konfront ta' xulxin kif ukoll fil-konfront ta' uliedhom, u ghandhom responsabbilita ugwali f' dan ir-rigward; izda "pero' jsita' jkun hemm kazijiet fejn, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun fdat bil-kura u kustodja tal-minuri, ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi jekk tezisti raguni sufficjenti bhal din, hawn appena imsemmija, jista' jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien" *[PA Georgina Schembri vs Dino Schembri deciza 28 ta' Novembru 2002].*

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-fatti tal-kaz odjerna. Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.

Il-kontendenti zzewwgu fl-14 ta' Gunju 1987 mill-liema zwieg twieldu zewgt it-tfal C u D fit-3 ta' Gunju 1988 u fit-13 ta' Frar 1992 rispettivament.

Illi l-attrici tghid li hi mara tad-dar u ma tahdmix bi qligh, u ghalkemm il-konvenut jahdem fil-kostruzzjoni tal-bini bhala kuntrattur u jaqla' hafna flus, dana "qatt" ma taha manteniment la ghaliha u lanqas ghat-tfal taghhom; u dana anke wara li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b' digriet tat-8 ta' Dicembru 1996 kienet ordnatlu li jhallas lill-attrici retta alimentarja mensili ta' Lm30 ghaliha u Lm30 ghal uliedhom. "Pero' hu qatt ma tani lira. Jien ikolli nghix bir-

relief tal-Gvern u bic-children's allowance."[1] Fl-affidavit taghha, filwaqt li tikkonferma din l-asserzjoni, tghid li "Kelli nohrog nahdem u fl-istess hin nara kif ser niehu hsieb lil uliedi li kienu ghadhom ta' eta' tenera."[2]

Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jichad l-allegazzjoni li huwa qatt ma hallas manteniment lil martu, jghid li "assolutament ma hemmx arretrati x' jigu likwidati u konsegwentement imhallsa [minnu]"[3] Huwa eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-Art.2156[b] tal-Kap.16. Rigward it-talba ghal manteniment futur ghal martu, il-konvenut jghid li huwa jahdem biss part time u inoltre il-konvenuta "kapaci tahdem kif fil-fatt ghamlet."[4]

Illi huma opportun is-segwenti osservazzjonijiet:

[A] Illi t-tesi attrici li l-konvenut qatt ma taha manteniment la ghaliha u lanqas ghal uliedha, u li fuqha hija bazata l-pretensjoni attrici li huwa dovut lilha arretrat ta' manteniment mid-data taz-zwieg u manteniment ghat-tfal mid-data tat-twelid taghhom; din it-tesi hija mdghajjfa bit-trapass taz-zmien li thallas jghaddi qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, nonostante wkoll id-digriet tas-Sekond Awla' tal-Qorti Civili liema digriet thalla jiskadi.

Il-provi in propositu huma s-segwenti. Illi l-attrici zzewwget f' Gunju tas-sena 1987, u ghaxar snin wara, fis-sena 1996 hija ghamlet rikors quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni personali, fejn talbet ukoll il-manteniment *pendente lite*. Fi-termini ta' dan id-digriet il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment provvizorju ghaliha u ghal uliedhom fl-ammont komplessiv ta' Lm60; u l-attrici giet awtorizzata tabita fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' zewgha; filwaqt li giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni personali.

[1] Nota guramentata – fols.18 *et seq.*
[2] Fol.65
[3] Nota ta' eccezzjonijiet – fol.59
[4] Ibid

Izda l-attrici naqset li tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali fit-terminu preskritt mill-ligi, u ma jirrizultax li l-effetti ta' dan id-digriet kienu gew prorogati; u, minflok, fl-1 ta' April 2003, u cioe' il-fuq minn hames snin mill-imsemmi digriet, hija ntavolat il-kawz odjerna.

Il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attrici halliet ghaxar snin jghaddu mid-data taz-zwieg sabiex tinvoka lil Qorti biex tottjeni manteniment provvizorju minghand il-konvenut; u per di piu' halliet jghaddu l-fuq minn hames snin qabel ma ntavolat il-kawza odjerna, jimmilita fuq bazi ta' inverosimiljazna t-tesi ta' l-attrici li hija "qatt" ma rceviet manteniment minghand il-konvenut; izda kienet tghix biss fuq il-relief u fuq ic-children' s allowance.

[B] Illi l-pretensjoni attrici li huwa dovut mill-konvenut manteniment ghaliha mid-data taz-zwieg, u ghat-tfal mid-data tat-twelid taghhom, hija mdghajjfa mill-fatt ammess mill-istess attrici li f' xi zmien waqt iz-zwieg hija kienet tahdem. Di fatti hija tghid li kellha tohrog tahdem biex tlahhaq mal-bzonnijiet tal-familja.

In propositu l-Qorti tosserva li, dan il-fatt, filwaqt li jista' jkun indikattiv tal-fatt li l-konvenut ma kienx qed jivversa manteniment adegwat lill-attrici jew manteniment skond il-mezzi reali tieghu, idghajjef serjament, fin-nuqqas ta' provi konkreti, il-pretiza ta' l-attrici li huwa dovut lilha arretrat ta' manteniment, stante li ma ngabux provi dwar iz-zmien li fih kienet tahdem u l-introitu li kienet tippercepixxi mix-xoghol taghha f' dak iz-zmien; u dana peress li talba ghal manteniment tista' tigi newtralizzata bil-fatt li minn qed jippretendi manteniment ikun qed jaghmel xoghol bi qligh. Ghaldaqstant din il-pretensjoni attrici jista' kollha validita' biss mid-data li fiha ntavola il-kawza odjerna, stante li mill-atti jirrizulta li f' dan iz-zmien hija ma kienitx tahdem.
Fattur iehor li jimmilita kontra l-pretensjoni attrici huwa c-cahda ta' l-allegazzjonijiet attrici da parti tal- konvenut li sostna li huwa kien jaghti manteniment lil martu, hlief ghal circa sentejn meta kien qed jirregistra ghax-xoghol, li mill-provi rrizulta li dan il-perijodu jestendi mit-22 ta' April 1999 sal-20 ta' Gunju 2001 – sentejn u xaharejn.

Inoltre jirrizulta mill-atti li, permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza[5] tas-17 ta’ Marzu 2004 il-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici s-somma settimanali ta’ LM25 ghal minuri mit-18 ta’ Marzu 2004; liema rata baqghet tithallas kif jixhed il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru 2005 fejn gie dikjarat li “Il-partijiet jaqblu li bhalissa qed jithallas il-manteniment ta’ Lm25 fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewgt it-tfal”[6]

Illi rigward it-talba ghall-hlas ta’ l-arretrati, il-konvenut ressaq l-eccepixxa tal-preskrizzjoni, izda l-attrici ssostni li bl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut rrinunzja ghal kull preskrizzjoni. In propositu l-Qorti tosserva li t-tesi difensjonali tal-konvenut hija fis-sena li huwa ma ghandu jghati xejn lill-attrici peress li l-manteniment kien thallas regolarment, hlief fiz-zmien meta kien qed jirregistra ghax-xoghol. Din certament ma timporta ebda rinunzja ghall-preskrizzjoni, stante li fl-ebda stadju l-konvenut ma ammetta, direttament jew indirettament, li ghad ghandu jghati xi arretrati tal-manteniment. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni hija legalment u fattwalment sostenibbli; u konsegwentement it-talba attrici se mai tista’ tirrisali biss sas-7 ta’ Arpil 1998 u cioe; sa hames snin qabel il-prezentata tac-citazzjoni fit-8 ta’ April 2003.

Illi rigward it-talba ghall-arretrat tal-manteniment, din il-Qorti tosserva li l-attrici ma gabitx provi sodisfacenti li juru li l-konvenut qatt ma kien jghatiha manteniment ghaliha u ghal uliedhom. Fil-probabilita’ huwa minnu li meta r-relazzjoni matrimonjali ddeterjorat, il-konvenut kien jonqos milli jivversa manteniment adegwat, multo magis meta gie rinfaccjat bid-digriet tas-Sekond’ Awla li permezz tieghu kien kostrett jallontana ruhu mid-dar konjugali; izda minn naha l-ohra, l-attrici, li ghandha s-sengha ta’ hairdresser, stqarret li hija kellha tohrog tahdem u f’dan ir-rigward ma elaboratx ulterjorment, fis-sens li ma tat ebda dettalji dwar il-perijodu u l-introitu percepit minnha.

[5] fol.103
[6] fol.179

Ghaldaqstant it-talba ghall-hlas ta’ manteniment arretrat ma tistax tintlaqa’ hlief mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u precisament mid-digriet provvizorju moghti minn din il-Qorti fid-9 ta’ April 2003 li permezz tieghu l-konvenut gie ordnat jivversa manteniment ta’ Lm150, in kwantu ghal mitt lira ghal uliedhom u hamsin lira ghal martu.

F’ dan l-istadju jigi osservat li miz-zewgt it-tfal tal-kontendenti, it-tifla Kimberley biss illum ghadha minorenni, filwaqt li C, li twieldet fit-3 ta’ Gunju 1988, illum hija maggjorenni u ghalhekk mhux dovut manteniment ghaliha minn din id-data, ghalkemm fit-8 ta’ April 2003 kienet ghadha minorenni.

Rigward l-ammont dovut, il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti esebiti, u hadet in konsiderazzjoni l-valur tal-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, hija tal-fehma li, kif l-attrici ghandha l-potenzjal li tahdem fis-sengha taghha ta’ hairdresser, hekk il-konvenut ghandu potenzjal qawwi li jahdem fis-sengha tieghu ta’ kuntrattur fil-kostruzzjoni tal-bini li huwa ben saput li  huwa kamp lukrattiv hafna.

Ghaldaqstant l-ammont ta’ manteniment li ghandu jigi versat mill-attrici mill-konvenut bhala manteniment <u>ghaliha</u> qed jigi stabbilit fis-somma ta’ <u>Lm100 fix-xahar</u> pagabbli permezz ta’ cheque fir-residenza taghha;  u fil-kaz li l-konvenut ikun impjegat, full time jew part time, l-imsemmija somma ghandha tinqata’direttament mill-paga tieghu. Izda din ir-retta alimentarja tkun biss dovuta sakemm l-attrici ma tkunx qed taghmel xoghol bi qligh; inoltre, il-konvenut huwa obbligat jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta’ Lm1,840 rapprezenanti arretrat ta’ manteniment ghall-perijodu li jestendi mid-9 ta’ April 2003 sas-17 ta’ Marzu 2004, bir-rata ta’ LM150 manteniment ghaliha u ghal uliedha.

Inoltre, il-konvenut huwa obbligat jhallas lill-attrici b’ effett mill-1 ta’ Ottubru 2006 rata alimentarja mensili ta’ mitt Lira Maltin [Lm100], bhala manteniment ghat-tifla D sakemm dina taghlaq it-tmientax il-sena, liema rata alimentarja qed tigi kapitalizzata fis-somma ta’ Lm4,000, u ser tigi mhallsa

minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tal-postijiet kif indikat fis-sentenza mghotija llum fil-kawza [numru 468/03] fl-ismijiet inversi.

Illi rigward it-talba maghmula mill-attrici fin-nota ta' sottomissjoni taghha, sabiex il-manteniment dovut lilha jigi kapitalizzat b' applikazzjoni ta' l-Artikoli 54[3] u [6], il-Qorti tosserva li, f' dan il-kaz tenut kont tal-bazi legali ta' l-azzjoni odjerna, dak li qed jigi suggerit mill-attrici huwa legali nsostenibbli. Jigi osservat li fit-termini ta' l-Artikolu 480 [3] tal-Kap.12 u li kien in vigore dak iz-zmien, id-digriet tat-18 ta' Dicembru 1996 ma baqax enforzabbli gjaladarba l-attrici ma ntavolatx il-kawza ghas-separazzjoni personali fiz-zmien stipulat mill-ligi u l-azzjoni odjerna tista' ssib bazi legali biss fid-deposizzjonijiet ta' l-Art.3, 3B, 7 u 19 u 20 tal-Kap.16 u mhux fid-disposizzjonijiet elenkati fis-Sub Titolu III tat-Titolu I li japplikaw ghall-kawzi ta' Separazzjoni Personali. Ghaldaqstant l-Artikolu 54 indikat mill-attrici mhux legalment applikabbli ghall-azzjoni odjerna. Huwa minnu li fl-udjenzi tal-25 ta' Ottubru 2005 u tat-28 ta' Frar 2006[7] il-partijiet qabblu li z-zewg kawzi, dik odjerna u dik tas-separazzjoni personali, ghandhom jigu decizi flimkien; izda dan il-qbil ma jistax ikollu l-effett legali li jbiddel il-bazi legali tal-kawza odjerna li huwa differenti minn dik tal-kawza tas-separazzjoni personali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi; u

[1] tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkennali fis-sens fuq indikat;

[2] tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba kif ser jinghad: tiddikjara li l-konvenut ghandhu jhallas lill-attrici retta' alimentarja ghaliha fl-ammont ta' mitt lira maltin <u>Lm100 fix-xahar</u> pagabbli permezz ta' cheque fir-residenza taghha; u fil-kaz li l-konvenut ikun impjegat, full time jew part time, l-imsemmija somma ghandha

[7] Fols.179 u 180

tinqata’direttament mill-paga tieghu. Izda din ir-retta alimentarja tkun dovuta sakemm l-attrici ma tkun qed taghmel xoghol bi qligh; inoltre, il-konvenut huwa obbligat jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta’ Lm1,840 rapprezenanti arretrat ta’ manteniment ghall-perijodu li jestendi mid-9 ta’ April 2003 sas-17 ta’ Marzu 2004, bir-rata ta’ LM150 manteniment ghaliha u ghal uliedha; u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-imemmija rata ta’ Lm100 fix-xahar, u s-somma ta’ Lm1,840;

Inoltre, tiffissa retta alimentarja pagabbli lill-attrici ta’ mitt Lira Maltin [Lm100] fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla D sakemm dina taghlaq it-tmintax il-sena fil-13 ta’ Frar 2010[8], liema rata alimentarja qed tigi kapitalizzata fis-somma ta’ Lm4,000, u mhallsa minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tal-postijiet kif indikat fis-sentenza moghtija llum fil-kawza E B vs A B.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Ghal perijodu li jestendi mill-1 ta’ Ottubru 2006 sal-13 ta’ Frar 210: 3 snin u 4 xhur u tnax il-gurnata